MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru. 954/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**MARIA CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Maria Calleja ta’ 24 sena, bint Saviour u Maria Dolores nee’ Cutajar, mwielda Pieta’ nhar l- 14 ta’ Dicembru 1984, residenti fil- fond 10, flat 2, Triq Gerry Zammit, Gzira u detentrici tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 19985(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) Bejn ix- xhur ta’ Gunju 2008 u Awwissu 2009, minn gewwa l- hanut bl- isem Tots Teens li jinsab fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkomettiet serq ta’ flus li l-valur komplessivament taghhom huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil- valur u bil- persuna u dan ghad- detriment ta’ Margaret Gauci minn San Pawl il- Bahar u/ jew persuna jew persuni ohra;

2) U aktar talli approprjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor lit kun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha u dan ghad-detriment ta’ Margaret Gauci minn San Pawl il- Bahar u/ jew persuna jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi, inoltre, l-imputata kienet hallset lil Margaret Gauci s-somma ta’ flus misruqa minnha, u dan qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, u ghalhekk l-imputata setghet tibbenefika minn riduzzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 337 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputata, din il-Qorti qieghedha ssib htija fiha ghar-reat addebitat lilha, u ghaldaqstant tista’ tghaddi sabiex tikkunsidra. Il-Qorti giet mgharrfa x’ kienu c-cirkostanzi li wasslu lill-imputata twettaq reat daqshekk serju, u ghalkemm ma tista’ qatt tikkondoni tali agir, tista’ tifhem ir-raguni ghaliex reat bhal dan sar. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-eta’ tenera tal-imputata, tal-fedina penali netta taghha, u tal-ammissjoni bikrija, apparti l-kunsiderazzjonijiet l-ohra hawn fuq imsemmija, il-Qorti hi tal-fehema li l-imputata ma timmeritax piena ta’ prigunerija, izda ikun ahjar u fl-interess ta’ kulhadd li tigi applikata sanzjoni fil-komunita’ ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 261, 267, 268(a), 293, 294 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja, u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------